MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF
LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-10 ta' April, 2024

Appell Inferjuri Numru 336/2017 LM

**Dolceria Italiana Limited (C 17590)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**John Pullicino**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenut **John Pullicino (K.I. nru. 538759M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], fit-3 ta' Lulju, 2023, fejn l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut u sabet li l-azzjoni tas-soċjetà attriċi **Dolceria Italiana Limited (C 17590)** mhijiex milquta mill-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili, ċaħdet l-

eċċezzjonijiet l-oħrajn kollha tal-konvenut, u laqgħet it-talba tas-soċjetà attriċi u kkundannat lill-konvenut iħallasha s-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000) flimkien mal-imgħaxijiet legali dovuti mill-4 ta' Lulju, 2017 sad-data tal-ħlas effettiv, u bl-ispejjeż tal-kawża inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-4 ta' Lulju, 2017.

**Fatti**

2. Is-soċjetà attriċi pproċediet kontra l-konvenut sabiex dan iħallasha s-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000) rappreżentanti prezz ta' makkinarju ossia *catering convection oven, stainless steel oven stand, catering dough mixer* u *catering doughnut fryer* mibjugħa lilu mis-soċjetà attriċi. Is-soċjetà attriċi talbet ukoll l-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-4 ta' Lulju, 2017 a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-imgħax legali b'effett mill-4 ta' Lulju, 2017 sad-data tal-effettiv pagament.

3. Il-konvenut wieġeb li t-talba tas-soċjetà attriċi hi infondata fil-fatt u fid-dritt stante li din qatt ma biegħet jew ikkonsenjatlu l-oġġetti msemmija.

**Is-Sentenza Appellata**

4. Permezz tas-sentenza mogħtija fit-3 ta' Lulju, 2023, l-Ewwel Qorti ddeċidiet billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, wara li qieset li mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, u laqgħet it-talbiet attriċi, u kkundannat lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000) flimkien mal-imgħaxijiet legali b'seħħ mill-4 ta' Lulju, 2017 sad-data tal-ħlas effettiv, u ordnat lill-konvenut iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża, wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Ikkunsidrat***

*Illi qabel din il-Qorti tidħol fil-kwistjoni tal-każ, sejra tanalizza l-eċċezzjoni mqajma dwar il-preskrizzjoni f'dawn il-proċeduri u dan skont ma hemm fl-artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi fuq din il-kwistjoni din il-Qorti sejra tagħmel referenza għal dak li jgħid l-istess artikolu 2148(b):*

> ***2148:*** L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' tmintax-il xahar:
>
> (b) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut.

*Illi min-naħa tas-soċjetà attriċi qalet li dan il-bejgħ ma kienx wieħed bl-imnut iżda bejgħ ta' oġġetti għall-użu tal-istess John Pullicino u dan tal-aħħar qatt ma kien qal li l-oġġetti riedhom għat-tifel tiegħu.*

*Huwa wkoll fatt li meta l-Qorti tiddetermina li l-preskrizzjoni partikolari eċċepita ma tkunx applikabbli għall-każ in eżami, mhux il-kompitu tagħha li toqgħod tindaga u tara hija stess liema hija l-preskrizzjoni li taqa' fiha din l-azzjoni. Il-Qorti hija marbuta taħt dak li jgħid l-artikolu 2111 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta fejn il-Qorti ma tistax* ex officio *tagħti effett għall-preskrizzjoni jekk din ma tiġix eċċepita mill-parti interessata. Illi però fi kwalunkwe każ il-preskrizzjoni msemmija taħt l-artikolu 2148 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta hija dik ta' tmintax-il xahar. Sejra ssir referenza għall-kawża fl-ismijiet* ***Fenech Plant Hire Limited vs P. Montebello****, deċiża fit-13 ta' Marzu, 2009 fejn intqal hekk mill-Qorti tal-Appell:-*

> "Hu ben saldat fid-dottrina legali u fil-ġurisprudenza illi meta tiġi opposta l-preskrizzjoni u l-konvenut ma għandu għalfejn jipprova xejn iżjed ħlief id-dekorriment taż-żmien. Jaggrava fuq l-attur illi jiddemostra illi dik il-preskrizzjoni ma kinitx ammissibbli għall-fattispeċi tal-kawża, jew, alternattivament, jekk applikabbli, li dik l-istess preskrizzjoni ġiet sospiża jew interrotta. Jinżel minn dan illi l-perkors li suppost kellha ssegwi l-ewwel Qorti kellu jkun dan: -
>
> (1) Ir-riċerka u l-verifika jekk il-preskrizzjonijiet eċċepiti, jew xi waħda minnhom, kinux jew le opponibbli għat-talba;
> (2) F'każ ta' applikabilità ta' xi waħda minnhom, jekk il-perijodu preskrittiv ġiex interrott għal mottiv dedott mis-soċjetà attriċi;
> (3) Stabbilita din l-interruzzjoni, id-determinazzjoni tal-mument storiku li fih avverat."

*Madanakollu, il-Qorti trid tara jekk hix tal-fehma illi f'dan il-każ jgħoddux id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2148(b) fejn jikkontempla l-preskrizzjoni ta' tmintax-il*

*xahar. Illi għalhekk din il-Qorti trid tara jekk fil-fatt dak li huwa mitlub mis-soċjetà attriċi jaqax taħt dak li hemm fl-artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Liġjiet ta' Malta. Illi ma' dan il-punt huwa marbut mal-fatt jekk dan il-bejgħ kienx wieħed bl-imnut jew le għaliex dan ikollu effett fuq l-eċċezzjoni mressqa fuq il-preskrizzjoni.*

*Il-Qorti tagħmel referenza għal dak li hemm fl-artikolu 2137 tal-Kap. 16 li jgħid li 'bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-Liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss u dan b'applikazzjoni tal-prinċipju li ż-żmien preskrittiv jgħaddi biss minn dakinhar li jkun tnissel id-dritt jew setgħet tinbeda l-azzjoni. Dan il-prinċipju huwa mibni fuq il-massima li* action non natae non praescribitur *(John Grech vs Ivan Mifsud et Prim Awla deċiża fl-1 ta' April, 2003).*

*Illi wara li ġie determinat taħt liema artikolu tal-Liġi l-azzjoni tista' tkun preskritta issa jrid jiġi kkunsidrat jekk il-konvenut bħala l-eċċipjent tal-preskrizzjoni f'dan il-każ, tax effett lill-preskrizzjoni minnu eċċepita billi segwa l-proċedura rikjesta* ad validitatem *mill-Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili. Illum dan l-Artikolu jistipula illi:-*

> "(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa."

*L-imsemmi Artikolu 2160 kif emendat bis-saħħa tal-emendi ġew introdotti bl-Att I tal-2017 u immedjatament wara, bl-Att VIII tal-2017. Illi din il-kawża ġiet intavolata f'Novembru tas-sena 2017 fejn l-Att I daħal fis-seħħ nhar it-13 ta' Jannar, 2017 u l-Att VII tal-2017 daħal fis-seħħ nhar l-24 ta' Frar, 2017. Illi għalhekk dawn l-emendi kienu fis-seħħ meta ġiet intavolata din il-kawża. Illi kif ġie ritenut fis-sentenza riċenti fl-ismijiet* ***P&S Limited et vs Noel Zammit et****, deċiża fis-16 ta' Frar, 2018 mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fejn ġie ttrattat l-emendi li saru fl-Artikolu 2160:-*

> "... l-eċċezzjoni taħt artikolu 2156(f) u (d) tal-Kodiċi Ċviili ma tirnexxix għas-sempliċi raġuni li jkunu għaddew ħames snin. It-terminu imsemmi fir-rigward tal-artikoli 2156(d) u (f) tal-Kodiċi Ċivili huwa biss wieħed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiża. Dak li jiddisponi dan l-artikolu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-ieħor kumulattiv ta' natura proċedurali, li jikkommina l-artikolu 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili."

*Illi għalhekk f'dan il-każ l-applikazzjoni tal-artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta japplika minħabba li dawn il-proċeduri seħħew wara li daħal fis-seħħ il-proċedura msemmija fl-artikolu 2160 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi madanakollu, il-Qorti hija marbuta li tapplika dak li hemm fil-Liġi u għalhekk irid jidher*

*biċ-ċar jekk fil-fatt l-istess konvenut qalx fix-xhieda tiegħu li dan l-ammont mhux dovut jew inkella li ma jiftakarx li għandu jagħti dan l-ammont. Illi ladarba jiġi stabbilit dan il-punt, allura l-Qorti tkun tista' tgħaddi sabiex tara jekk fil-fatt l-artikolu 2148(b) minnu kjamat meta eċċepixxa l-preskrizzjoni japplikax f'dan il-każ jew le.*

*Illi mix-xhieda tal-istess konvenut li ta permezz ta' affidavit qal (a fol. 35) li kien mar ma' ibnu biex jiġbor dan il-makkinarju u jiċħad li b'xi mod kien għamel xi ftehim fuq xi ħlas jew inkella addirittura li akkwista xi makkinarju għalih. Kompla jgħid li kien ibnu li għamel ftehim magħhom u mhux hu rigward il-ħlas ta' dan il-makkinarju. Illi minn dan ir-riassunt joħroġ biċ-ċar li kien hemm ċaħda min-naħa tiegħu li huwa kellu jagħti xi ammont. Illi għalhekk għal dak li huwa mitlub fl-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili din il-parti hija konfermata u għalhekk il-Qorti tista' issa tidħol fil-kwistjoni jekk kienx hemm preskrizzjoni għal dak li jirrigwarda l-artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili.*

*Illi l-kwistjoni kollha li tqajmet hija dwar jekk dan il-bejgħ kienx wieħed bl-imnut jew inkella kif qalet is-soċjetà attriċi li dan il-bejgħ kien wieħed għall-użu personali ta' John Pullicino. Illi f'dan il-każ iridu jiġu ttrattati żewġ aspetti u ċioe jekk dan il-bejgħ kienx wieħed bl-imnut u meta kellu jibda ż-żmien sabiex tiġi kkunsidrata li għadda t-terminu tal-preskrizzjoni.*

*Bejgħ bl-Imnut*

*Illi għandu jingħad li l-bejgħ bl-imnut ma hemmx definizzjoni fil-liġi u għalhekk kellhom ikunu l-Qrati tagħna li jagħtu definizzjoni tagħha. Illi fil-kawża* in re ***Grazio Debattista v. Michele Galea*** *(Qorti tal-Kummerċ, 23 ta' Mejju, 1961) il-bejgħ kien jirrigwarda kumpressur tal-arja li ġie kkonsenjat lill-konvenut. Għall-finijiet ta' preskrizzjoni kienet qamet il-kwistjoni dwar jekk il-bejgħ kienx wieħed bl-imnut. Il-Qorti kienet ikkonkludiet li l-bejgħ ma kienx bl-imnut u li għalhekk il-preskrizzjoni applikabbli kienet dik ta' ħames snin mhux ta' tmintax-il xahar. Il-qorti kienet spjegat li l-liġi tagħna, li tirrigwarda l-preskrizzjoni fir-rigward ta' bejgħ bl-imnut ex Art. 2148(b) tuża l-kliem "*ta' kredituri" *u mhux "*ta' kummerċjant"; *ma tużax il-kliem "*merċi" *(ossia, merkanzija) biss, iżda żżid ukoll il-kliem "*oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli"; *u ma tużax il-kliem* "mibjugħa lil persuni li ma jeżerċitawx il-kummerċ" *imma tuża l-kelma* "bl-imnut". *Spjegat li allura skont il-liġi tagħna wieħed għandu jara biss jekk l-operazzjoni kinitx għall-ingrossa jew bl-imnut, billi l-liġi tagħna tikkunsidra biss il-bejgħ ta' ħwejjeġ fuq indikati fiha nfisha u l-kwantità fornita biss. Żiedet tgħid li bl-użu tal-kliem* "bl-imnut" *jidher ċar li tikkontempla lil dawk kollha, kummerċjanti jew le, li jbigħu oġġetti ta' konsum ta' kuljum, tant lil min hu kummerċjant, kemm lil min mhux. Kompliet tispjega illi l-espressjoni* "bl-imnut" *talludi bilfors għal ħwejjeġ żgħar; u li dan – li ħaġa tkun ta' entità żgħira – kien il-motiv li ġiegħel lil-leġislatur jistabbilixxi*

*preskrizzjoni qasira, billi mhix ħaġa solita, u lanqas li wieħed għandu jistenna, li min ibiegħ jagħti kreditu għal żmien twil f'bejgħ ta' ħwejjeġ żgħar. Qalet li l-bejgħ ta' kumpressur ma jistax jiġi kkunsidrat bħala ħaġa żgħira ta' konsum ta' kuljum u għalhekk ma jistax jitqies bħala bejgħ bl-imnut.*

*Kif ukoll fil-kawża in re* ***Joseph Aquilina et noe v. Charles Camilleri*** *(Appell Inferjuri, 17 ta' Novembru, 2004), il-bejgħ kien jirrigwarda magna ta' karozza lill-konvenut. Il-konvenut argumenta li dan kien bejgħ bl-imnut in kwantu l-magna nxtrat għall-użu personali tiegħu. L-atturi argumentaw illi l-bejgħ ta' magna ta' vettura mhix xi ħaġa ta' kuljum u li tul ħajtu bniedem jixtri oġġett bħal dan ftit drabi biss. Il-Qorti tal-Appell Inferjuri ikkonkludiet illi ladarba l-magna hija ta' karozza, huwa preżunt li din inxtrat għall-użu ta' kuljum u biex isservi l-ħtiġijiet personali tal-konvenut u allura jikkwalifika bħala bejgħ bl-imnut.* "Dan it-tip ta' bejgħ ma jista' qatt jiġi konsidrat bħala wieħed bl-ingrossa, anke tenut rigward tal-ammont involut."

*Fil-kawża* in re ***Geranzio Azzopardi v. Carmelo Bezzina et*** *(Prim'Awla, 28 ta' Jannar, 2010) il-bejgħ kien jirrigwarda vettura kummerċjali li tintuża għall-ġbir tal-iskart domestiku u fejn il-prezz pattwit kien jinkludi l-kuntratti għall-ġbir ta' skart domestiku li kien jinġarr b'tali vettura. Il-Qorti kkonkludiet li dan ma kienx bejgħ bl-imnut:* "Il-liġi tagħna ma tagħmilx distinzjoni bejn bejgħ bl-imnut u bejgħ bl-ingrossa. Din id-distinzjoni evolviet permezz tal-ġurisprudenza fejn kien stabbilit il-kriterju distintiv ewlieni bejn il-bejgħ bl-imnut u l-bejgħ bl-ingrossa. Infatti fejn il-prezz reklamat huwa għal merce destinata biex terġa' tinbiegħ jew inkella biex tinħadem f'oġġett ieħor (Vol. XXIII.I.909) jew fejn isir bejgħ lil persuni li jagħmlu negozju mill-merce mibjugħa fi kwantità apprezzabbli, allura dak huwa l-bejgħ bl-ingrossa ("Borg vs Bonello et noe et" – Appell Ċivili – 22 ta' Ġunju, 1970). Min-naħa l-oħra l-bejjiegħ bl-imnut vede per lo più a compratori e in piccole quantità misurata al bisogno di costoro (Vol. XXI.III.235; Vo. XXI.I.406 u "Grech vs Spiteri et" – Appell – 25 ta' Mejju, 2001). Dan premess, meta din il-Qorti tqis il-vendita de quo, taħt l-ebda ċirkostanza, ma jirriżultalha li dak in kwistjoni kien bejgħ bl-imnut sabiex tista' tiġi invokata l-preskrizzjoni skont l-artikolu 2148(b) tal-Kap. 16. Fil-każ de quo, il-bejgħ kien dak ta' vettura kummerċjali li tintuża fil-ġbir ta' skart domestiku li kien jinġarr minn din il-vettura. Li allura jfisser li dan ma kienx il-każ ta' bejgħ ta' oġġett ta' konsum ta' kuljum jew oġġett *che si vende per lo più a compratori e in piccole quantità misurata al bisogno di costoro.* Il-preskrizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva u għalhekk jekk ikun jeżisti xi dubju dwar l-applikabilità taż-żmien preskrittiv, dak id-dubju għandu jmur kontra min ikun eċċepixxa l-preskrizzjoni".

*Fil-kawża* in re ***Brincat's Co Ltd vs JDS Limited*** *(Appell Inferjuri, 16 ta' Marzu, 2018) in-negozju kien sempliċi bejgħ ta' biċċa għodda* (spraygun) *biex tintuża mill-*

*konvenuta appellata fix-xogħol tagħha ta' produzzjoni ta' għamara. Kien negozju ta' darba. Il-liġi tagħna hi differenti minn dik Taljana li fl-artikolu 2955(5) tal-Kodiċi Ċivili tistipula perijodu ta' sena fir-rigward tad-dritt "*dei commercianti per il prezzo delle merci vendute a chi non ne fa commercio." *Il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana fis-sentenza 26433/14 qalet: "*Non rientro nell'ambito di applicazione della norma la vendita di cose destinate ad attivitá produttiva o al commercio al minuto. Pertanto, la giurisprudenza esclude l'applicabilità della presunzione presuntiva qualora il compratore le destini al commercio con attività di scambio." *Il-liġi Maltija ma tagħmilx distinzjoni bejn bejgħ lill-konsumatur jew bejgħ lill-kummerċjant biex jużah għall-attività produttiva tiegħu. Inoltre, ma rriżultax li l-venditur kien qiegħed jaġixxi bħala grossista, bħal pereżempju bejgħ bi prezz ta'* wholesale. *Fil-fehma tal-qorti l-prezz ta' €1,272.13ċ ma kienx irendi l-bejgħ bl-ingrossa. Hawn diversi konsumaturi li jixtru għodda u oġġetti b'dak il-prezz għalkemm ma jkunux fil-kummerċ. Il-qorti għalhekk kienet ikkonkludiet li għandha tapplika l-preskrizzjoni skont l-Art. 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili.*

*F'dan il-każ, l-oġġett kien bejgħ ta' diversi makkinarji li jintużaw għal produzzjoni ta' ikel għall-konsum. Illi skont l-istess soċjetà attriċ dan il-makkinarju nbiegħ għas-somma ta' għaxart elef (10,000 Euro) lil John Pullicino. Illi s-soċjetà attriċi kienet hi stess tuża dan il-makkinarju għall-produzzjoni. Illi minħabba li ma baqgħetx tagħmel dan ix-xogħol riedet tbiegħ dan il-makkinarju. Illi jidher minn dan il-fatt li s-soċjetà attriċi ma kinitx waħda li tbiegħ il-makkinarju bħala ġeneru tal-kummerċ tagħha. Illi però kienet deċiżjoni li dan il-bejgħ kien wieħed li ma kienx għad hemm użu tagħhom. Illi ta' min jinnota li dawn l-oġġetti mhumiex xi oġġett li għandu għal użu ta' kuljum għall-konsumatur iżda għal skop ta' produzzjoni ta' prodotti li jinħarġu mill-użu ta' dan il-makkinarju. Illi tali prezz miftiehem dwar il-bejgħ u l-oġġetti minnhom infushom, il-Qorti ma tistax tara kif li huma oġġetti mibjugħa bl-imnut kif qiegħed jallega l-istess konvenut. Illi dan il-makkinarju huwa destinat għal użu ta' produzzjoni li minnhom infushom mhux għal xi ħadd sabiex jagħmel użu minnhom għal kuljum iżda mmirati għal użu kummerċjali tagħhom.*

*Hawnhekk, u bħala eżempju, fil-kawża* in re ***Grazio Debattista v. Michele Galea*** *(kwotata fuq) fejn ingħad li l-bejgħ ta' kumpressur ma jistax jiġi kunsidrat bħala ħaġa żgħira ta' konsum ta' kuljum u għalhekk ma jistax jitqies bħala bejgħ bl-imnut. Illi f'dan il-każ il-Qorti l-bejgħ ta' dawn l-oġġetti ma jistax jitqies bħala wieħed żgħir. Ġeneralment, biex wieħed jasal ħalli jiddetermina jekk bejgħ sarx bl-imnut inkella bl-ingrossa wieħed għandu jħares lejn il-bejgħ partikolari u l-għamla tiegħu (ara P.A.* ***25.4.1964*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Delia noe vs Testaferrata Abela*** *(Kollez. Vol.* ***XLVIII.ii.959****).;*

*Normalment biex bejgħ jitqies bl-imnut, irid jidher li tali bejgħ kien wieħed magħmul lil konsumatur għall-użu personali tiegħu, filwaqt li, tradizzjonalment, il-bejgħ bl-imnut jingħaraf minn bejgħ bl-ingrossa billi f'dan tal-aħħar il-bejgħ isir lil xerrej li jkun sejjer jagħmel negozju bi jew minn fuq il-ħaġa mixtrija (Kumm.* ***5.6.1951*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Cini vs Debono*** *(Kollez. Vol.* ***XXXV.iii.613****). Imma din mhijiex regola inflessibbli, minħabba li grossista jista' jagħmel bejgħ bl-imnut, ukoll fejn ix-xerrej ikun kummerċjant ieħor. Madanakollu, meta wieħed iqis għamla ta' negozju bħal dak li għamlu bejniethom is-soċjetà attriċi u l-konvenut, wieħed ma jsibx li dan jikkwalifika bħala bejgħ bl-imnut.*

*Illi minn dak li ntqal hawn fuq, il-preskrizzjoni eċċepita f'dan il-każ ma tapplikax kemm mill-fatti li ħarġu f'dan il-każ. Illi kif ingħad il-Qorti hija marbuta minn dak li joħroġ mill-artikolu 2111 tal-Kodiċi Ċivili kif intqal diversi drabi mill-Qrati tagħna fejn fil-każ* ***Ronald Naudi v Unispeed Shipping and Forwarding Ltd*** *(Prim'Awla, 26 ta' Ġunju, 2003) fejn intqal:*

> "Minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 2111 tal-Kap. 16, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni speċifika mressqa mill-imħarrek u ma tistax minn rajha tqis li jeżisti terminu preskrittiv ieħor (ukoll jekk dan jeżisti), għaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qiegħda tindaħal u tissupplixi għall-parti eċċipjenti f'materja odjuża li fiha ma tistax tieħu inizjattiva."

*Illi għalhekk din il-Qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjoni mqajma mill-konvenut li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili.*

*Fuq il-mertu*

*Is-soċjetà attriċi tikkontendi li l-ammont ta' għaxart elef Euro huwa dovut lilha għall-bejgħ tal-oġġetti in kwistjoni fuq dan il-każ. Min-naħa tal-konvenut huwa jinnega li huwa għandu jagħti dan l-ammont għal sempliċi raġuni li huwa qatt ma kien ftiehem magħhom fuq prezz jew għax-xiri ta' dawn l-oġġetti. Illi mill-provi mressqa mis-soċjetà attriċi hemm biss ix-xhieda tal-istess persuni involuti fis-soċjetà attriċi fejn spjegaw kif sar il-bejgħ, il-prezz miftiehma u anke minn fejn ittieħdu. Illi ma ġie esebit ebda dokument li juri li ġie ffirmat xi ħaġa bejn il-partijiet li juri dawn l-oġġetti kienu qegħdin jinbiegħu. Illi min-naħa l-oħra l-unika referenza li sar min-naħa tal-konvenut kien li l-ftehim kien seħħ bejn ibnu u s-soċjetà attriċi u mhux miegħu. Illi għandu jingħad li l-Qorti kif ġie affermat fis-sentenza fl-ismijiet* ***Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et*** *deċiża nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' April, 2002, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili:-*

> **"Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u**

> **mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hi bażata fuq il-preponderanza tal-probabbilitajiet. U dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtieġa trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubju raġonevoli."**

*Għal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi svarjati tal-ħajja (**Borg vs Bartolo –** Appell Inferjuri – 25 ta' Ġunju, 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabiltajiet **(Caruana vs Laurenti –** Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – 8 ta' April, 1994; **Borg vs Manager tal-Intrapriża tal-Ħalib –** Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – 17 ta' Lulju, 1981; **Vassallo vs Pace –** Vol. LXX.II.144 u **Zammit vs Petrococchino –** Appell Kummerċjali – 25 ta' Frar, 1952).*

*Kif ingħad fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' April, 2004, fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe:-***

> **"Fil-kamp ċivili l-piż tal-prova huwa mixħut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawża ċivili, d-dolo jista' jiġi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u indizji, purke s'intendi jkunu serji, preċiżi u konkordanti, b'tali mod li ma jħallu l-ebda dubju f'min hu msejjaħ biex jiġġudika.**
>
> **Huwa ben magħruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew ineżattezzi fil-provi, għandhom iħallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fihom, ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta jew ikollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola tal-in dubio pro reo."**

*Fil-kamp ċivili, għal dak li hu apprezzament ta' provi, il-kriterju mhuwiex dak jekk ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet mogħtija lilu imma jekk dawn il-fatti humiex tali li huma verosimili għal dak li ġara. Illi għalhekk dan il-prinċipju tal-bilanċ tal-probabilitajiet marbuta mal-fatti huma l-bażi tal-azzjoni ċivili. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġonevoli.*

*Il-Provi*

*Illi mill-affidavit ta' John Muscat semma li l-ftehim mal-konvenut kien li jieħu dak il-makkinarju u jħallashom is-somma ta' għaxart elef Euro. Illi dan l-ammont kellu jitnaqqas minn somma akbar li l-istess soċjetà attriċi kellha tagħti lil Golden Harvest*

*u dan skont kif kien qallu l-istess John Pullicino. Kompla jgħid li x'kien il-ftehim bejn Golden Harvest u John Pullicino ma kienx jaf. Min-naħa tal-mara ta' John Muscat, Doris Muscat ikkonferma biss li hija kienet taf li r-raġel tagħha kien biegħ dan il-makkinarju imma hi ma kinitx involuta fih dan in-negozju. Kien hemm ftehim li l-ammont kellu jitnaqqas minn dak dovut lil Golden Harvest iżda wara saru jafu li minn dan kollu ma kien hemm xejn. Illi mill-istess affidavit ta' Maxine Muscat, li tiġi t-tifla tas-sidien tas-soċjetà attriċi, qalet li hija kienet taf b'dan l-arranġament u ħareġ ukoll li fl-1 ta' April, 2017 ommha kienet irrekordjat il-konverżazzjoni bejnha u John Pullicino fejn semma li kien sejjer iħallas l-10,000 Euro hu.*

*Min-naħa tal-konvenut John Pullicino fejn innega kollox li kellu jagħti xi flus lis-soċjetà attriċi għal sempliċi raġuni li huwa kien mar ma' ibnu sabiex jieħdu dawn l-oġġetti u ma kienx jaf x'kien il-ftehim dwar ħlas li kien hemm bejn ibnu u John Muscat. Huwa wkoll ċaħad li kien ikkonferma li sejjer iħallas xi flus jew inkella li kien hemm xi ammont li kellu jitnaqqas minn dak li kellu jieħu mingħand il-Golden Harvest. Min-naħa ta' Dexter Pullicino qal li huwa kien għamel in-negozju mas-soċjetà attriċi u mhux missieru. Illi skont il-ftehim li kien hemm huwa kien ħallas kollox dak li kien dovut għal dan il-makkinarju.*

*Illi mill-assjem tal-provi hemm diverġenza kbira bejn iż-żewġ kontendenti f'dawn il-proċeduri fejn parti qiegħda titlob għal dan il-ħlas waqt li l-parti l-oħra tgħid li hi m'għandha x'taqsam xejn u lanqas huwa dovut. Illi għalhekk minn dan kollu, l-Qorti għandha diffikultà sabiex tasal għal fatt ta' eżatt x'ġara fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi. Kif intqal hawn fuq, sabiex il-Qorti tista' tasal għal konklużjoni jkun il-każ li f'kawża ċiivli, id-dolo jista' jiġi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u indizji, purke s'intendi jkunu serji, preċiżi u konkordanti, b'tali mod li ma jħallu l-ebda dubju f'min hu msejjaħ biex jiġġudika.*

*Illi kif diġà ingħad hemm żewġ verżjonijiet tal-fatti f'dan il-każ u għalhekk il-Qorti trid tasal sabiex tieħu deċiżjoni minn ċirkostanzi oħrajn. Illi s-soċjetà attriċi esebiet* recording *ta' konverżazzjoni fejn jissemma ammont ta' għaxart elef. Illi meta l-istess konvenut xehed in kontro-eżami fuq dan ir-*recording *huwa qal li l-leħen li kien jinstema' fuq ir-*recording *kien tiegħu. Illi f'dan ir-*recording *il-konvenut instema' jgħid li l-għaxart elef kien se jħallashom hu meta kien jirċievi l-flus tal-Golden. Illi l-Qorti tinnota li f'dak li qal fl-istess affidavit tiegħu u dak li xehed in kontro-eżami kien hemm differenza kbira. Illi fl-affidavit tal-istess konvenut qal li huwa ma kienx involut f'dan in-negozju iżda kien għamel kollox it-tifel. Illi huwa kien biss mar mat-tifel tiegħu sabiex jiġbor dawn il-makkinarju. Huwa żied jgħid li f'ebda ħin ma kien qal li huwa kien sejjer iħallas xi ammont meta kien fil-ħanut. Illi din il-parti ġiet kontradetta mill-istess* recording *li ġie esebit fejn huwa stess kien ikkonferma li sejjer iħallas l-għaxart*

*elef. Illi f'ebda parti mill-istess* recording *ma jidher li huwa semma li kien it-tifel tiegħu li għandu x'jagħti lis-soċjetà attriċi. Illi in kontro-eżami tiegħu stess, semma li huwa qatt ma kien rahom dawn il-makkinarju li suppost xtara però wara ftit reġa' biddel il-verżjoni tiegħu li kien mar ma' ibnu sabiex iġorrhom (a fol. 42). Meta ġie konfrontat dwar li qalilhom li kien se jħallas hu ġewwa l-ħanut, dan innegah u qal li hu ma kellu x'jaqsam xejn (a fol. 44). Illi anke wara baqa' jinnega li huwa kellu jagħti xi flus fuq dan il-makkinarju.*

*Illi minn dak li rat din il-Qorti dwar il-verżjoni tal-fatti tal-istess konvenut u mill-istess* recording, *tara li fil-fatt huwa kien jaf ben tajjeb x'kien dan in-negozju. Illi tant kien jaf li kien qal li sejjer iħallas dan l-ammont li kien dovut. Ma kienx jagħmel sens dak li huwa qal fejn l-ewwel innega li kien qal li l-ammont kien dovut u mill-istess* recording *hemm verżjoni totalment differenti. Illi bla dubju ta' xejn, dan il-makkinarju ġie mibjugħ u kien l-istess konvenut li kien sejjer jagħmel tajjeb għalih u l-verżjoni mogħtija mill-attur hija aktar verosimili għal dak li verament ġara.*

***Decide:***

*Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:*

***Tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni** mqajma mill-konvenut u ssib li l-azzjoni tal-attur mhijiex milquta mill-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili;*
***Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha** l-oħrajn tal-konvenut għaliex mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;*
***Tilqa' t-talba attriċi** u tikkundanna lill-konvenut biex iħallas lill-attur is-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000) flimkien mal-imgħaxijiet legali b'seħħ mill-4 ta' Lulju, 2017, sal-jum tal-ħlas effettiv inkluż l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 166A; u*
***Tordna** li l-konvenut iħallas ukoll l-**ispejjeż tal-kawża**."*

## <u>L-Appell</u>

5. Fir-rikors tal-appell imressaq mill-konvenut fit-2 t'Awwissu, 2023, dan talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu, filwaqt li tiċħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi.

6. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant qal li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fid-deċiżjoni tagħha fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet tiegħu, u dan wara li għamlet apprezzament ħażin tal-provi prodotti waqt il-kawża. Qal li huwa dejjem sostna li huwa qatt ma nnegozja l-bejgħ tal-makkinarju, u li tali negozjati kienu saru bejn John Muscat u Dexter Pullicino. Qal li l-uniku involviment tiegħu kien meta għen lil ibnu jiġbor il-makkinarju. Kompla jgħid li din il-verżjoni tal-fatti kienet korroborata minn ibnu fl-*affidavit* tiegħu, u meta huwa ġie mistoqsi dwar dan in kontro-eżami, ikkonferma li dak il-makkinarju ma kienx xtrah hu, u l-involviment tiegħu kien limitat għall-ġarr tal-makkinarju. Qal li huwa ftakar ukoll li l-makkinarju ttieħed mhux mill-fabbrika, iżda mill-garaxx ta' taħt il-ħanut.

7. L-appellant qal li s-soċjetà appellata, permezz tal-*affidavits* ta' John Muscat, Doris Muscat u Maxine Muscat, tgħid li kien hemm tpaċċija mal-ammont dovut minnha lil Golden Harvest. Qal li huwa mkien ma rrefera għal din it-tpaċċija, u dan għaliex huwa qatt ma xtara l-apparat in kwistjoni, u barra minn hekk ma kienx hemm il-ħtieġa ta' tpaċċija għaliex il-kwistjoni tal-flus dovuti minn Muscat lil Golden Harvest hija kwistjoni oħra, u fil-fatt issolviet permezz ta' proċeduri ġudizzjarji separati. L-appellant qal li għalhekk il-kwistjoni tat-tpaċċija tad-dejn ma' Golden Harvest ma tagħmel l-ebda sens. Qal li l-unika raġuni għalfejn l-appellati semmew it-tpaċċija, kienet għaliex huma kellhom ipaċu l-apparat mad-dejn dovut lil ibnu Dexter Pullicino għal ħobż li dan kien forna lill-appellata. L-appellant qal li l-verżjoni ta' ibnu dwar il-bejgħ tal-apparat u dwar it-tpaċija, baqgħet konsistenti, u dan jista' jiġi kkonstatat mix-xhieda u mill-kontro-eżami li sarlu. Qal ukoll li fl-ebda kontro-eżami li sar lill-appellant ma tqajmu domandi relatati ma' din l-allegata tpaċċija mad-dejn ta'

Golden Harvest, li hija ħaġa pjuttost stramba meta wieħed jikkonsidra li din hija kwistjoni li tqajmet mill-appellati Muscat.

8. L-appellant qal li tul il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti huwa qajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, u qal li minkejja li min-naħa tiegħu huwa kkwota artikolu żbaljat, l-artikolu 2148(b) minflok l-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16, imma huwa xorta waħda għadu jinsisti li l-azzjoni hija preskritta. Qal li l-artikolu 2112 tal-Kap. 16 jgħid li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tingħata f'kull waqt tal-kawża, inkluż fl-appell, u għalhekk anki f'dan l-istadju huwa qiegħed jeċċepixxi li din il-kawża hija preskritta. Qal li l-Ewwel Qorti għamlet riferiment għall-artikolu 2160 tal-Kap. 16, u analizzat jekk dan ġiex onorat jew le. Qal li l-Ewwel Qorti ġustament ikkonkludiet li dak mitlub fl-artikolu 2160 tal-Kap. 16 japplika għall-fatti tal-kawża odjerna, għaliex l-appellant dejjem ċaħad li huwa debitur. Qal li għalhekk wieħed għandu jħares lejn il-provi prodotti f'din il-kawża, u janalizzahom fil-kuntest tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Qal li kemm John kif ukoll Doris Muscat xehdu li l-kumpannija kienet tipproduċi prodotti tal-*catering* madwar seba' snin qabel l-2018, u kien għalhekk li huma bdew jiddisponu mill-makkinarju. Qal li anki ibnu Dexter Pullicino spjega li meta nnegozja ma' John Muscat, huma nnegozjaw bil-liri Maltin. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti naqset milli tapprezza illi mill-provi prodotti għandu jirriżulta li dan il-bejgħ sar qabel is-sena 2010, u fil-fatt hijs stess ikkonfermat li kienet ilha li waqfet topera. Qal li John Muscat innifsu stqarr li bejn il-partijiet ma saret l-ebda skrittura dwar dan il-bejgħ, u għalhekk sabiex il-Qorti tanalizza l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, trid tagħmel analiżi tal-provi, liema analiżi għandha turi ċar li din il-kwistjoni ilha snin twal li seħħet. L-appellant qal li John Muscat jammetti fl-*affidavit* tiegħu tal-4 ta' Novembru, 2022, li l-bejgħ kien sar sena qabel il-ftehim bejn Dexter

Pullicino u Emanuel Mifsud, liema ftehim ġie konkluż fit-8 t'Awwissu, 2011, u għalhekk isegwi li dan il-bejgħ sar fis-sena 2010. Qal li anke x-xhud Jonathan Zammit, ikkonferma li meta kien jaħdem ma' Dexter Pullicino fl-2011, huwa jiftakar dan il-makkinarju, u b'hekk hemm konferma li dan in-negozju sar qabel is-sena 2011, u għalhekk l-azzjoni attriċi hija preskritta. L-appellant qal li s-soċjetà appellata kienet intavolat l-ittra uffiċjali *ai termini* tal-artikolu 166 A tal-Kap. 12 fl-4 ta' Lulju, 2017, kif jirriżulta mill-atti tal-kawża, filwaqt li din il-kawża ġiet ippreżentata fl-14 ta' Novembru, 2017. Qal ukoll li saret argumentazzjoni żbaljata min-naħa tas-soċjetà appellata, meta din tgħid li kien hemm rinunzja għall-preskrizzjoni min-naħa tiegħu, għaliex wieħed ma jistax jirrinunzja għall-preskrizzjoni meta huwa qiegħed isostni li lanqas biss huwa debitur.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

9. Fir-risposta tagħha s-soċjetà appellata qalet li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma, u żiedet tgħid li l-appellant qagħad lura milli jagħti sunt tal-fatti kif seħħew. Spjegat li bħala kumpannija hija kienet proprjetà tal-konjugi John u Doris Muscat, u l-linja ta' negozju tagħha kienet il-*catering,* għaliex John Muscat huwa kok u dulċier. Is-soċjetà appellata qalet li bil-prodotti tagħha hija kienet tforni għadd ta' ħwienet tagħha u ta' terzi, kif ukoll lukandi u ristoranti oħra. Qalet li bħala kumpannija hija kienet waqfet tipproduċi fis-sena 2011. Spjegat li John u Doris Muscat kienu joperaw *confectionery shop* bl-isem 'The Breadmill', u kienu jieħdu l-ħobż tal-Golden Harvest mingħand l-appellant John Pullicino. Qalet li dak iż-żmien li kienet qiegħda topera dan il-ħanut, hija kellha tagħti somma sostanzjali lill-kumpannija Golden Harvest, u għalhekk kienet ddeċidiet li ma tibqgħax fin-negozju tal-*catering,* u li tbiegħ l-makkinarju

tagħha. Is-soċjetà appellata qalet li meta l-appellant sar jaf li hija kienet qiegħda tbiegħ il-makkinarju, huwa kien talab lil John Muscat sabiex imur jarah, u għalhekk kienu ltaqgħu l-fabbrika, u Pullicino għażel diversi affarijiet li kellhom jinbiegħu bil-prezz ta' għaxart elef Euro. Qalet li dak iż-żmien l-appellant kien qabbad xi nies biex iġorru l-makkinarju, u kien ħadu fil-pussess tiegħu. L-appellata qalet li meta talbet lil Pullicino jħallas l-ammont dovut minnu, dan qal li meta tinqata' l-kawża li kienet infetħet kontra tagħha minn Golden Harvest, hija kellhom tnaqqas €10,000 mill-kont ta' dak li kellha tagħti lil Golden Harvest, u dan għaliex din il-kumpannija lilu kellha tagħtih ammont ta' flus bħala *commission* fuq il-bejgħ tal-ħobż. Is-soċjetà appellata qalet li arranġament dwar ħlas baqa' ma sarx, u spjegat li hija dak iż-żmien kellha bżonn il-flus sabiex tħallas lil Golden Harvest. Qalet li l-kawża li nfetħet kontra tagħha minn Golden Harvest saret fis-sena 2010, meta huma għamlu n-negozju mal-appellant, u din il-kawża ġiet fi tmiemha fis-26 ta' Mejju, 2017 permezz ta' sentenza finali tal-Qorti tal-Appell. Is-soċjetà appellata qalet li kienu diversi d-drabi meta hija talbet il-ħlas dovut lilha minn Pullicino, u dan dejjem kien jgħid li ser iħallas, u darba minnhom fl-1 ta' April, 2017, binthom kienet irreġistrat konverżazzjoni bejn Doris Muscat u Pullicino, fejn dan kien infurmahom li kien fi ħsiebu jħallas meta tinqata' l-kawża ta' Golden Harvest. Qalu li meta nqatgħet il-kawża fl-2017, u Pullicino kien qal li l-Golden Harvest kien ser inaqqas l-ammont ta' €10,000 li għandu jagħtih l-appellant, il-Golden Harvest kienu infurmaw lill-appellant li dawk il-flus m'għandhomx x'jaqsmu mal-kawża. Is-soċjetà appellata qalet li hija kellha tiftaħ dawn il-proċeduri għaliex l-appellant baqa' ma ħallasx dak dovut minnu.

10. Is-soċjetà appellata qalet li waqt il-kawża, Pullicino ċaħad li huwa għandu jagħtieha xi flus, u kien anki beda jgħid li n-negozju kien sar ma' ibnu Dexter, u li ibnu kien ħallas ta' kollox. Qalet li hija kienet biegħet makkinarju ieħor lil Dexter Pullicino, u li kienet tħallset ta' dan, iżda dan kien fis-sena 2011, u għalhekk iben l-appellant m'għandu x'jaqsam xejn mal-mertu proprju ta' dawn il-proċeduri. Kompliet tgħid li mill-konverżazzjoni li ġiet irreġistrata bejn Doris Muscat u Pullicino, jirriżulta li l-appellant kien wiegħed li ser iħallasha hekk kif tinqata' s-sentenza tal-Golden Harvest.

11. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellant, is-soċjetà appellata qalet li huwa fatt magħruf li din il-Qorti ta' reviżjoni m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li jkun sar mill-Ewwel Qorti. Qalet ukoll li biex dan ikun jista' jsir, irid jintwera li l-Ewwel Qorti jew Tribunal ikun eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu b'mod ħażin. Qalet li quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant ċaħad li kien xtara makkinarju mingħandha, iżda meta ġie dahru mal-ħajt wara li ssemma' r-*recording* tal-konverżazzjoni fejn huwa nstema' jgħid li għandu jagħti €10,000, eċċepixxa l-preskrizzjoni. Qalet li meta jsir dan, hemm ammissjoni li n-negozju sar, iżda fl-istess waqt l-appellant jgħid li m'għandu jagħti xejn għaliex l-ammont huwa preskritt. Is-soċjetà appellata qalet li hija ressqet provi sabiex tikkorrobora il-pretensjoni tagħha, fosthom it-telefonata rreġistrata u l-ispjegazzjoni mogħtija minnhom tal-fatti kif ġraw u kif elenkati fl-aggravju dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Qalet li min-naħa l-oħra l-appellant għoġbu jikkwota dak li xehdu hu u ibnu sabiex jitwemmen, meta jgħid li huwa qatt ma nnegozja mas-soċjetà appellata. Is-soċjetà appellata qalet li l-grad tal-prova f'kawża ċivili huwa dak fuq bilanċ ta' probabbilitajiet, u l-ġudikant għandu jasal għal deċiżjoni abbażi tal-konvinċiment liberu tiegħu. Qalet li fost il-provi li l-

Ewwel Qorti kkunsidrat, kien hemm ir-*recording* fejn l-appellant jinstema' jgħid li għandu jagħti dawn il-flus, u meta l-Ewwel Qorti evalwat il-provi kollha prodotti, din waslet għall-konklużjoni tagħha.

12. B'riferiment għat-tieni aggravju mressaq mill-appellant, is-soċjetà appellata wieġbet li bħala fatt l-appellant ibbaża l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tiegħu fuq l-artikolu 2148(b) tal-Kap. 16, jiġifieri l-perijodu ta' preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar fir-rigward tal-bejgħ ta' oġġetti bl-imnut, u l-appellant qatt ma talab korrezzjoni dwar l-artikolu li fuqu bbaża din l-eċċezzjoni tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti. Qalet li ladarba l-appellant qiegħed jeċċepixxi l-preskrizzjoni, dan qiegħed jammetti li n-negozju sar, anki jekk jgħid li l-ħlas mhux dovut għaliex huwa preskritt. Is-soċjetà appellata qalet li l-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 jitkellem dwar preskrizzjoni ta' ħames snin, sakemm in-negozju ma jaqax taħt preskrizzjoni aqsar. Is-soċjetà appellata qalet li hija ma tistgħax tifhem għal liema raġuni l-appellant qiegħed iqanqal din l-eċċezzjoni meta l-perijodu preskrittiv ta' tmintax-il xahar diġà ġie miċħud lilu. Qalet li n-negozju sar fl-2010, u wara li l-appellant ħa l-makkinarju, dan infurmaha li l-ħlas kien ser jagħmlu wara li tinqata' l-kawża li nfetħet kontra John u Doris Muscat personalment mill-kumpannija Golden Harvest. Qalet li l-ħlas li hija kellha tagħmel lill-kumpannija Golden Harvest, sar minnha fis-7 ta' Lulju, 2017 u fit-28 ta' Lulju, 2017, u fl-istess żmien hija nfurmat lill-appellant li l-Golden Harvest ma kinitx aċċettat li l-€10,000 jitnaqqsu minn dak dovut lilha. Qalet li l-appellant kien dejjem jgħid li kien ser iħallas kif jirriżulta mill-konverżazzjoni rreġistrata, fejn huwa jinstema' jgħid li ser iħallas hekk kif iħallsuh il-*commission* tal-Golden Harvest, u mill-*affidavit* ta' Doris Muscat jirriżulta li meta l-partijiet iltaqgħu fl-uffiċċju tal-Avukat Aldo Vella, l-appellant kien ammetta li dan il-ħlas huwa

dovut minnu. Qalet li fl-4 ta' Lulju, 2017 hija ppreżentat l-ittra uffiċjali kontra l-appellant li ġiet notifikata lilu, iżda permezz ta' nota tal-21 ta' Lulju, 2017, l-appellant ċaħad li għandu jagħti xi flus. Qalet li fl-14 ta' Novembru, 2017 hija intavolat dawn il-proċeduri. Qalet li għalhekk l-appellant għadu mhuwiex jifhem li l-ħlas kellu jiskatta meta tinqata' s-sentenza li l-kumpannija Golden Harvest fetħet kontra tagħhom, u għalhekk f'dan il-każ il-preskrizzjoni ma bdietx tiddekorri minn meta sar in-negozju.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

13. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet ippreżentati mis-soċjetà appellata. L-appellant jgħid li huwa ħassu aggravat għal żewġ raġunijiet ewlenin, senjatament minħabba l-apprezzament żbaljat tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti, u għaliex fil-fehma tiegħu t-talbiet tas-soċjetà appellata huma preskritti.

*<u>L-Ewwel Aggravju</u>*

14. L-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi meta kkonkludiet li huwa għamel xi negozju mas-soċjetà appellata. Qal li mill-provi prodotti għandu jirriżulta li kien ibnu li xtara l-apparat mingħand l-appellata, u huwa nvolva ruħhu biss sabiex inġarr l-makkinarju li ġie mixtri. Qal ukoll li t-tpaċċija li ssemmiet mill-konjugi Muscat kienet rilevanti biss għaliex

dawn kellhom jagħtu xi flus lil ibnu, liema flus kellhom jiġu paċuti mal-ħlas dovut għall-makkinarju.

15. Il-Qorti tiġbed l-attenzjoni tal-appellant għall-fatt li l-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha, irrimarkat dwar il-fatt li l-appellant inqabad jikkontradixxi lilu nnifsu meta l-ewwel ta verżjoni tal-fatti kif ġraw skont hu, iżda imbagħad f'*recording* tal-konverżazzjoni li huwa kellu ma' Doris Muscat, instema' jgħid li huwa jkun dispost iħallas dak dovut minnu lis-soċjetà appellata, ladarba tiġi fi tmiemha l-kawża li s-soċjetà Golden Harvest Limited fetħet kontra l-konjugi John u Doris Muscat personalment. Kien hawnhekk fejn l-Ewwel Qorti kkonvinċiet ruħha li l-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-appellant mhijiex verosimili, u għalhekk mhux minnu li l-makkinarju li jifforma l-mertu ta' dawn il-proċeduri kien ġie akkwistat minn iben l-appellant, u li l-appellant involva ruħhu biss sakemm l-affarijiet mixtrija nġarrew mingħand is-soċjetà appellata. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għal dak li qalet din il-Qorti diversament ippreseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Phyllis Ebejer *vs.* Joseph Aquilina**[1], fejn ingħad:

> *"Il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni eżerċitata mill-ewwel Qorti f'każijiet eċċezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti."*

16. Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells**[2], din il-Qorti kif diversament ippreseduta qalet:

> *"Huwa prinċipju bażilari segwit minn din il-Qorti ta' reviżjoni fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba*

[1] 10.01.1995.
[2] 15.11.2004.

> *leġġerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm raġunijiet gravi u serji biżżejjed li jissuġġerixxu mod ieħor."*

17. Mill-provi prodotti jidher ċar li l-appellant kien jaf sew x'kien in-negozju li dwaru infetħu il-proċeduri odjerni, u mir-*recording* esebit in atti, jirriżulta ċar ukoll li l-appellant qatt ma ċaħad li kellu jħallas għall-oġġetti li huwa kien xtara. Ried iħallas biss skont it-termini tiegħu, jiġifieri wara li jiġu fi tmiemhom il-proċeduri legali bejn is-soċjetà Golden Harvest Limited u John u Doris Muscat, liema proċeduri huma totalment aljeni għalih. Il-Qorti tasal biex tifhem li l-appellant ried iħallas lis-soċjetà appellata wara li jassigura li din tkun ħallset dak dovut minnha lill-Golden Harvest Limited, li min-naħa tagħha kellha tagħti xi flus tal-*commission* lill-appellant, iżda bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jingħad li ma kienx l-appellant li kkontratta x-xiri tal-makkinarju in kwistjoni. Barra minn hekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-appellant tistona bil-kbir mal-pożizzjoni li qiegħed jieħu permezz tal-ewwel aggravju mressaq minnu, jiġifieri li n-negozju ma ġiex ikkontrattat minnu. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u sejra tiċħdu.

*<u>It-Tieni Aggravju</u>*

18. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li huwa xorta waħda għadu jinsisti li l-ammont mitlub mingħandu huwa preskritt, u dan minħabba t-trapass taż-żmien bejn id-data tax-xiri tal-makkinarju, u l-ftuħ ta' dawn il-proċeduri mis-soċjetà appellata. Jgħid li anke jekk kien żbaljat meta invoka l-applikabilità tal-artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili quddiem l-Ewwel Qorti, għandu

jirriżulta li f'dan il-każ tapplika l-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Qal ukoll li min-naħa tiegħu huwa dejjem ċaħad li huwa debitur tas-soċjetà appellata.

19. Il-Qorti tirrileva li l-Ewwel Qorti diġà eskludiet l-applikazzjoni tal-artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili għall-każ in eżami. L-appellant issa qiegħed jinvoka l-preskrizzjoni kwinkwennali, u jgħid li l-azzjoni tas-soċjetà appellata fil-konfront tiegħu saret tardivament, għaliex in-negozju li jifforma l-mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ fis-sena 2010. Il-Qorti tfakkar f'dak li jgħid l-artikolu 2133 tal-Kodiċi Ċivili, li hemm ksur tal-preskrizzjoni meta d-debitur jagħraf il-jedd tal-parti l-oħra li kontra tagħha l-preskrizzjoni kienet bdiet miexja. Dan ifisser li meta fil-konverżazzjoni li ġiet irreġistrata fl-1 ta' April, 2017, l-appellant ammetta li kellu jħallas u li kien dispost li jħallas, imma ladarba tinqata' l-kawża l-oħra li huwa m'għandu x'jaqsam xejn magħha, dan kien qiegħed jikser kwalsiasi perijodu preskrittiv li issa qiegħed jeċċepixxi li kellu japplika. Anki li kellha d-data tal-1 ta' April, 2017 titqies bħala d-data meta bdiet miexja xi forma ta' preskrizzjoni, l-azzjoni tas-soċjetà appellata quddiem l-Ewwel Qorti nbdiet proprju ftit tal-ġimgħat wara, u għalhekk ċertament li ma laħaqx iddekorra l-perijodu preskrittiv li qiegħed jinsisti li għadda l-appellant.

20. Il-Qorti tqis li kien jispetta lill-appellant li jġib provi sodi li juru li l-ħames snin minn meta setgħet titressaq l-azzjoni mis-soċjetà appellata kienu għalqu jew skadew mingħajr ebda interruzzjoni, xi ħaġa li fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellant ma seħħlux jagħmel. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u sejra tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell billi tiċħad l-aggravji mressqa mill-appellant, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**